Dok. 63

**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Anthony De Bono (I.D.380349M)**

**Vs**

**George Farrugia [I.D. 432865M]**

**Protest ta' Anthony De Bono**
**Jesponi bil-qima:**

Illi l-protestant jaghmel referenza ghall-proceduri ta' kumpilazzjoni pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet '*Il-Pulizija [Spettur Johnatan Ferris] vs Tancred Tabone*' u b'mod partikolari ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2013 fil-kors ta' liema kien ta d-deposizzjoni tieghu l-protestat George Farrugia.

Illi l-protestant jaghmel referenza wkoll ghall-fatt illi l-protestat George Farrugia ta x-xiehda tieghu bhala xhud tal-prosekuzzjoni fil-proceduri suriferiti bhala wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fi proklama presidenzjali permezz ta' liema l-protestat gie ezentat milli jaffacja akkuzi u proceduri ghall-kull att u/jew azzjoni li kienet tirrendih hati kemm bhala awtur kif ukoll bhala accessorju fir-reati kollha ta' korruzzjoni u tixhim u hasil ta' flus li huma jew jistghu jkunu relatati *inter alia* mall-proceduri precitati biss.

Illi l-protestant jirreferi wkoll ghall-fatt illi l-istess mahfra jew proklama moghtija lill-protestat George Farrugia kienet wahda kundizzjonata wkoll fis-sens illi l-istess protestat ghandu jghid biss il-verita u l-verita kollha kull meta jkun mitlub li jixhed fi kwistjonijiet kollha relatati ma' l-allegat tixhim u korruzzjoni ta' ufficjali pubblici fix-xiri taz-zejt mill-Gvern ta' Malta u/jew minn korporazzjonijiet jew entitatjijiet ohra governattivi.

Illi l-protestant ulterjurment jirriferi ghall-impieg li huwa kellu ma' John's Group bejn is-sena 2007 u s-sena 2011 u dan fil-kwalita ta' konsulent kif ukoll bhala *Chairman* tal-bord ezekuttiv tal-istess John's Group, fil-kors ta' liema impieg huwa kien responsabbli biex gie zvelat illi l-istess protestat George Farrugia, li sa dak iz-zmien kien direttur u azzjonista tal-istess John's Goup, kien ilu ghal xi zmien bl-aktar mod abbuziv u illegali u dan sa dak iz-zmien totalment ad insaputa tad-diretturi l-ohra ta' John's Group, iwettaq appropjazzjoni indebita ta' miljuni ta' Euro fi flejjes u profitti tas-socjeta Powerplan Limited, formanti parti mis-socjetajtiet tal-John's Group u dan billi kien holoq stratagemma sabiex jghaddi l-istess flejjes u profitti lis-socjeta Aikon Limited li kienet gestita interament minnu u dan ovvjament a detriment u pregudizzju kbir tas-socjeta Powerplan Limited kif ukoll ghall-John's Group kollu li kien spicca fi krizi finanzjarja kbira per konsegwenza tal-azzjonijiet illegali tal-protestat.

Illi premess is-suespost l-protestant jirrileva illi fil-kors tad-deposizzjoni suriferita quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-proceduri fl-ismijiet '*Il-Pulizija [Spettur Johnatan Ferris] vs Tancred Tabone*' fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2013, l-protestat George Farrugia wettaq volontarjament u bl-aktar mod sfaccat spergur meta f' parti mid-deposizzjoni tieghu huwa direttament asserixxa li l-protestant kien b'xi mod ipprova jestorci minghandu sommom ta' flus billi kien jheddu [il-protestant lill-protestat] illi bill-konnessjonijiet u kuntatti li huwa kellu huwa setgha jkissirlu hajtu, n-negozju u l-familtu jekk huwa [l-protestant] ma' kienx lest li jhallsu. L-protestat addiritura ddikjara illi fil-fatt huwa kien spicca involut fil-kwistjoni kollha ta' dan l-iskandlu hekk kbir kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonanli kien semplicement ghaliex huwa ma' kienx ceda ghall-allegata estorsjoni avvanzata allegtament mill-protestant kontra tieghu.

Illi l-protestant jishaq bl-aktar mod car u kategoriku illi kull tali dikjarazzjoni u/jew asserzzjoni maghmula mill-protestat George Farrugia kontra tieghu m' huma xejn ghajr dikjarazzjonijiet manifestament malizzjuzi u inveritiera u intenzjonati biss u evidmetement sabiex jirrekaw pregudizzju serju u mhux misthoq lill-protestant u dan biss u unikament bhala vendetta kontra l-istess protestant u dan unikament talli kien propju l-protestant il-persuna responsabbli tal-investigazzjoni li waslet sabiex jigi

zvelat mad-diretturi kollha l-ohra tal-John's Group illi l-protestat George Farrugia kien wettaq appropjazzjoni indebita u frodi a detriment tal-istess John's Group li kif inghad kienu ammontanti ghall-diversi miljuni ta' Euro.

Illi jirrileva wkoll il-protestant Anthony De Bono illi tant dawn l-azzjonijiet tal-protestat George Farrugia kienu motivati biss u unikament b' xewqa ta' vendikazzjoni kontra l-protestant illi addiritura gideb sfaccatament dwar anki l-aktar affarijiet ovvji. Tabilhaqq sabiex zgur ikun jista jimplika lill-protestant fil-kwistjoni tal-iskandlu mertu tal-proceduri li kien qieghed jixhed dwarhom il-protestat George Farrugia xehed illi l-allegat estorsjoni u theddid da parti tal-protestant meta kien impjegat bhala konsulent tal-John's Group kif inghad hawn fuq sehhew bejn is-snin 2001 u 2003 meta l-istess protestat George Farrugia kien jaf wisq u wisq tajjeb illi l-impieg bhala konsulent u *Chairman* tal-bord ezekuttiv tal-John's group kien beda fuq bazi *part-time* biss fis-sena 2007 imbaghad gie konvertit fuq bazi *full-time* fis-sena 2008!!

Illi l-protestant jirrileva illi l-iskopijiet malizzjuzi ghal tali malafama da parti tal-protestat Farrugia fil-konfront tal-protestant huma ferm cari, ovvji u evidenti billi l-istess protestat ghamel id-dikjarazzjonijiet tieghu kontra l-protestant hawn suriferiti f' mument fejn huwa kien ben konsapevoli illi kull kelma li ser jghid kienet ser tigi ppublikata estensivament fuq il-mezzi kollha tax-xandir tenut kont tal-interess generali pubbliku li qajjem l-iskandlu mertu tal-kaz u b' hekk assigura li l-hsara li huwa ried jinfliggi lill-protestant tigi massimizata bl-akbar mod possibbli.

Illi tabilhaqq, l-protestat George Farrugia qabel ma' wettaq u ezegwixxa l-pjan tieghu ta' spergur u malafama kien wisq ben konsapevoli illi l-protestant huwa persuna b' karriera ragwardevoli li fuq mhedda tas-snin kien zamm diversi karigi ezekuttivi. Fost dawn kien hemm karigi bhala Chairman tal-Commonwealth Telecommunications Organisation (CTO) – President tal-European Commission for the Postal and Telecommunications (CEPT), Chairman tal European Telecommunications Operators (ETNO), Vici Chairman tal- Bord tal-agenzija ta' t-Telekommunikazzjoni (ITU) tan-Nazzjonijiet Maghquda u fl-2001 inghazel bhala l-Kandidat ewlieni tal- Gvern Malti ghal kariga ta' Segretarju Generali tal-istess ITU. Oltre dawn il-protestant agixxa wkoll bhala konsulent ta' diversi socjetajiet lokali u esteri kif ukoll okkupa b'success fost l-oghla karigi ma' entitajiet tal-Gvern inkluza dik bhala General Manager u

C.E.O. tal-Korporazzjoni Telemalta b' kariga fi *Scale 1* tal-Gvern, [l-oghla kariga li individwu jista' jilhaq fic-Civil]. Ukoll kif ben konsapevoli l-istess protestat George Farrugia, il-protestant kien ghall-diversi snin membru tal-korp dipolmatiku bhala Ambaxxatur, akkreditat mill-vertici kemm tal-istat Malti kif ukoll ta' stati esteri.

Illi b' hekk huwa wisq evidenti fid-dawl tas-suespost illi l-intenzjoni tal-protestat George Farrugia kienet illi tramite l-ispergur u l-malafama mwettqa minnu huwa jirreka l-akbar hsara possibbli lill-protestant u b' mod partikolari ghar-reputazzjoni tieghu. Meta jitqies dak kollu suespost huwa allura ovvju ili d-dannu ghar-reputazzjoni tal-protestant Anthony De Bono fuq livell nazzjonali u internazzjonali huwa wiehed li konsegwentment ma' jistax hlief jissarraf f'ghexieren jekk mhux mijiet ta' eluf ta' Euro f' danni li ghalihom ghalhekk irrid iwiegeb unikament il-protestat.

Illi l-protestat jirrileva ulterjurment illi bl-azzjonijiet tieghu l-protestat George Farrugia setgha potenzjalment naqas milli jottempora ruhu mal-kundizzjonjiet kollha imposti fuqu fil-proklama moghtija lilu u per konsegwenza, in vista li din il-materja hija minn natura taghha ta' interess pubbliku tant illi l-istess kwistjoni hija addiritura s-suggett ta' inkjesta li qed tigi kondotta mill-*Public Accounts Committee* tal-Parlament, ikun fic-crkostanzi ghaqli u opportun kif ukoll fl-ahjar interessi tal-gustizzja u fl-interess pubbliku generali illi dan il-protest jigi notifikat ukoll lill-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta Dr. Joseph Muscat u lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gustizzja Dr. Owen Bonnici sabiex huma, wara li jiehdu konjizjoni tal-istess, jiehdu d-decizjonijiet u l-mizuri kollha opportuni inkluz ukoll li jgibu danl-istess protest a konjizzjoni formali tal-*Public Accounts Committee* u dan ghal skop ta' kompletezza tal-inkjesta. Ghall-istess ragunijiet suseposti, l-protestant jirirleva wkoll illi dan l-istess protest gudizzjarju qed jigi notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex huwa wkoll jiehu l-passi kollha opportuni fic-cirkostanzi u fejn mehtiega.

Ghaldaqstant l-protestant filwaqt li bil-prezenti jgib is-suepsost a formali konjizzjoni tal-protestat, qieghed ipoggih in *dolo, culpa et mora* dwar dak kollu suespost u jzommu responsabbli ghad-danni kollha gja sofferti u li jistghu jigu

sofferti mill-protestant, kif ukoll jinterpellah sabiex b' effett immedjat huwa jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kollha sofferti mill-protestant in konsegwenza tal-agir abbuziv tal-protestant.

Bl-ispejjez.

**Av. Roberto Montalto**
**188, Triq id-dejqa**
**Valletta**

Notifika:

1. George Farrugia
   81, 'Salina', Triq l-Alwetta, Mosta
2. Onorevoli Prim Ministru Dr. Joesph Muscat
   Ufficju tal-Prim Ministru, Auberge De Castille, Valletta
3. Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr. Owen Bonnici
   30, Triq it-Tezor, Valletta
4. Kummissarju tal-Pulizija
   Kwartieri Generali tal-Pulizija, Furjana